# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

*Ille tulit punctum qui miscuit utile dulci.*

**Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.**

IL POETA LATIN ORAZJU.

**5. 3 TA' OTTUBRU 1908. L-EUUEL SENA**



## EMIGRAZZJONI.

Billi f-daŭna il ġranet kiegħdin jinchitbu, chif smajt, f' il Corp ta'l Għassa, in-nies għa's-safar, jidhirli li hu il ŭaktli ŭieħed igħid chif jaħsibha fuk din l-affari ta'l emigrazzjoni

L-eŭŭelnett, biex incunu nistgħu niftehmu aħjar hemm bżonn li ngħid x-ŭieħed jifhem b-emigrazzjoni, għaliex billi hi chelma gejja m'it-taljan forsi x-uħud m'il l-imsieħbin tagħna ta'l campanja ma jafux b'iż-żejjed xi tfisser.

Emigrazzjoni igifieri meta ŭieħed għa'r-rasu, jitlak lejn pajjis ieħor biex jaħdem u jakla x-jiecol, b'il ħsieb li jibka f-dic l-art. Colonizzazzjoni igifieri meta ma isiefirx ŭieħed ŭaħdu għal beb Alla, iżda ħafna flimchien b'xi ħadd li jmixxihom u jaħchem fukhom, u li f-loc li jixxerrdu l-haŭn u l-hinn, jagħżlu biċċa art u jgħixu fiha, jaħdmuha u jagħmluha tagħhom.

Il kuddiem għad naraŭ liema jcun l-aħjar għalina il Maltin jecc nemigraŭ jeŭ jecc niccolonizzaŭ xi pajjis. Iżda għal issa ħalli nibdeŭ biex naraŭ x-jista jsir kabel ma ŭieħed imidd rasu għal ŭaħda minn daŭn il ħŭejjeġ, li għandna nakgħu għalihom biss meta ma nistgħux b-mod ieħor ingħixu f-pajjisna.

Kabel ma ŭieħed jibda jitchellem xejn fuk emigrazzjoni, hemm bżonn li ŭieħed jara chif jagħmel biex il lokma ħobż li bakgħilna ma jiecluhilniex il frustieri, iżda tibka għalina biss.

Biex naslu ħaŭn hemm bżonn li l'il daŭna il frustieri ma nibdeŭx biex nagħmlulom il kalb biex jiġu jintasbu f-pajjisna u jeclulna dac il hobż li beda jonkcs lilna stess.

Hemm bżonn li il Maltin ma jagħmlux garanziji l'il frustieri u ma joħorġulomx flus biex jagħmluhom huma, barra minn meta jcun xi frustier li jigi Malta biex igħallimna xi ħaġa jeŭ biex jagħmlilna il gid. Il vit kiegħed f-idejna stess; ftit huma il frustieri li jiġu f-Malta u li jcunu jichsbu il flus meħtieġa biex jagħmlu il garanzija; mela jecc ma irridux aħna ftit huma il frustieri li jistgħu jiġu f-Malta.

It-tieni hemm bżonn li il ħaddiem malti jitgħallem is-sengħa tiegħu seŭŭa u jcun jaf jaħdem tajjeb biex iħabbatha magħhom

Jienħtieġ li nistkarruh b-idna fuk kalbna, li il frustieri li jiġu, il biċċa il cbira minnhom collha imgħallmin seŭŭa f'is-snajja tagħhom, u għalecc cullħadd ifittixhom u jatihom ix-xogħol. Mela jecc tridu li iż-żerrigħa ta'l frustieri ma tinbitx f-dana il pajjis, tgħallmu is-sengħa tagħcom chif imiss ħalli ma tibkgħux lura meta iġgerru magħhom.

Hemm bżonn ucoll li ma titcabbrux f'il paghi. Neħħu minn rascom il ħsieb karrieki li għandcom, li għa'x maltin, ŭieħed għandu jieħu pacenzja bicom jecc ma tafux taħdmu, u li għandu iħaddimcom b-paga acbar milli jitlob il frustier.

Lè, cullħadd għal ħlas jaf igħodd sa'l għaxra, u meta ŭieħed icollu bżonn ta' xogħol jagħlak għajnejh fuk il patrijottismu u jfittex biss li jinkeda tajjeb u b-irħis.

Mela jecc tridu taħdmu f-loc il frustieri hemm bżonn m'hux biss li tcunu tafu is-sengħa tajjeb iżda li ma titcabbrux f'il ħlasijiet tagħcom ucoll.

Hemm ħaġ' oħra li għaliha il ħaddiem malti jitlef ħafna xogħol, u li jaħtafulu minn ħalku il frustier, u hi din: li il biċċa il cbira ta'l ħaddiema maltin huma imkat, imcabbrin, ma jafux biss fejn tokgħod l-imgieba tajba; f'il ħin li il ħaddiem frustier, imkar ċaccar chemm jista jcun, dejjem igib ruħu tajjeb ma min

# STORJA TA'L PAPIET

IV.

## S. CLEMENT 1.

**Saltan ghal ghaxar snin, xahrejn u ghaxar t-ijiem. Lahak f'is-sena 90 u miet f'is-sena 100 ŭara Cristu.**

Dana il Papa tŭieled f-Ruma minn Faŭstinu u Matidja Għammdu S. Pietru stess, u chellu ix-xorti cbira ucoll m'hux biss li ordnah sacerdot, imma li għamlu iskof u laħħku bħala ta' ŭarajh. Chien ħabib ħafna ucoll ta'S. Paŭl, u miegħu tħabat u bata biex xandru it-tagħlim ta'l-Ligi Nisranija ; u għalecc fl-ittri l il-Appostlu S. Paŭl chiteb l'in-nies ta'Filippi, isemmi l'il dana il Papa bħala ŭieħed minn daŭc li isimhom hu 'mniżżel f'il ctieb ta'l ħajja. Meta laħak Papa chien ġa magħruf ħafna m'il l-insara collħa u maħbub ħafna minnhom.

Domizjanu dic il ħabta chien għamel għal l-insara bi ħruxija li ma bħala; u ma ħalliha :għaddi l'il l-ebda ŭieħed, lankas l'il daŭc stess li chienu kraba tiegħu, bħal Flavju Clementi u Domitilla; u dana l-Imperatur chien tant chiefer u kalil li Tertulljanu stess kal li chien jista ixxebbaħ l'il Neruni. Dana ŭaħħal f-rasu li għandu jekred minn ŭiċċ id-dinja it-tŭemmin nisrani bħal ma jgħarrafna l-Orosio; u għalecc xejn ma baka li ma għamelx biex jirnexxilu il ħsieb ta moħħu.

F-daŭn iż-żmenijiet l-Evangelista S. Ġŭann giè mixħut m'il l-egħdeŭŭa ġo nħasa ta'żejt jagħli,iżda b-għageb cbir ta'cullħadd ħareġ minn ġo fiha kaŭŭi u sħieħ actar milli chien kabel. Għaldakstant giè 'mtarraf f'il Gżira ta'Patmos fejn chiteb l-Apocalissi, ctieb li għadu sa'l-lum igħaġġeb l'il cullħadd għall għerf cbir li fih. Il ħajja ta'dana il cbir Kaddis giet minsuġa, b-mod m'il-isbaħ, f il ctieb originali li chiteb is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi u-li fih ŭieħed jista jsib dac collu li jixtiek jaf fuk il ħajja, l-egħġubijiet uit-tagħlim ta'dana il "Maħbub ta'Gesù".

S. Clement għaġġeb l'il cullħadd, f-dac iż-żmien ta'taħbit kalil, b'il ħila, b'il ħeġġa u b'il ħrara li ŭera biex iŭettak l'il l-insara f'it-tŭemmin tagħhom. Ħafna aŭturi igħidu li chien ta'gidd nobbli, għad li oħrajn saħansitra jridu jgħidu li lankas biss chien ruman. Il Cardinal Tripepi igħid li hu chien nobbli u 'mnissel minn familja tajba ħafna u għalecc irnexxielu li jdaħħal it-tŭemmin nisrani m'hux biss fl-aħjar djar ta'Ruma iżda sa f'id-dar ta'l imperatur stess. B'il għerf tiegħu fixchel it-tagħlim ta'l Ebjoniti u ta'xi nies karrieka oħra. Hu chien l-eŭŭel ŭieħed li ħalak bħal nutari f-Ruma biex iniżżlu b'il mictub il għamil u l-egħġubijiet ta'l martri, u b-hecc ma bakgħetx moħbija għalina il ħila li ma bħala ta'daŭc il ħafna nies kalbiena li ċarċru demmhom għa't-tagħlim ta'Gesù Cristu.

Dana beda biex jordna l'il kassisin chif għandom jilbsu u liema talb għandom jgħidu f'il knisja. Bagħat insara ħabrieca biex ixandru it-tagħlim nisrani f-pajjisi l-actar f'il bogħod. Meta fi'l Cnisja ta' Corintu nkala ftit ta'l għaŭġ, ħatru lilu biex iseŭŭi collox, għad li chien għadu ħaj S. Ġŭann l-Evangelista u chien bħala cap ta'l cnejjes ta'Lvant collha.

Dana il Papa chiteb ħafna tagħlim għal l-insara, tagħlim li chien jinkara minn cullħadd bi ħrara cbira għal għerf cbir li chien fih, u li giè 'mfaħħar minn San Ġlormu, minn Origeni, minn Eusebju u minn tant għorrief oħra cbar. Chien hu li chiteb ħafna fuk il ġmiel ta'x-xbubija u fuk chemm hi haġa sabieħa li ŭieħed jcun safi minn cull tebgħa ta'dnub biex jcun aħjar jista jservi l-Alla.

Giè mcheċċi minn Ruma u mibgħut f'il Chersonesu; u billi hemm kaleb ħafna nies għa't-tŭemmin nisrani u għamel ħafna għeġubijiet, giè b-ordni ta'l Imperatur mitfuħ il baħar, fejn miet imgħarrak, f'is-sena mija ŭara il miġja ta'Cristu f id-dinja. L-insara ġabru gismu u difnuh. Żmien tŭil ŭara gismu giè meħud Ruma u midfun fi cnisja li bneŭ apposta u semmeŭ għalih stess. Xi ħadd ried igħid lima mietx martri; iżda il Cardinal Tripepi ma ħafna għorrief oħra, jisguraŭna li miet martri għa't-tŭemmin nisrani, u li dejjem l-insara taŭh kima bħala kaddis.

# Il Mistoksija oħt il Għerf

L' il C. R.( Żebbuġ).

Il contravvenzjonijiet huma daŭn:—

**Il Contravvenzjonijiet contra l-ordni pubblicu.**

Articolu 336. Jakgħu f' il contravvenzjoni contra l' ordni pubblicu:—

1. Daŭc li, mingħajr permess, jaktgħu il ħaxix m'ill fortizzi.
2. Daŭc li jitfgħu materjal f' il fossijiet jeŭ krib il fortizzi.
3. Daŭc li, mingħajr permess, iżommu għandom, igorru jeŭ igegħlu min iġorr, għal cull ħtieġa, actar minn ratal u nofs porvli ; u daŭc li jieħdu jeŭ ichebbsu in-nar ħdejn il porvlisti jeŭ fejn icun hemm ħŭejjeġ li jakbdu;
4. Daŭc li jħallu jigru l-imgienen f'it-torok, tant jecc icunu furjużi chemm lè, u li jcunu taħt il għassa tagħhom;
5. Daŭc li jcunu presenti meta xi ħadd joktol jeŭ jisrak jeŭ icun sejjer joktol jeŭ jisrak l'il xi ħadd u ma jgħarrafx l'il Pulizija Esecuttiva, barra minn daŭc il persuni li jakta barra articolu 62 u li huma daŭn: ir-ragel jeŭ il mara ta' dac li jcun; missieru, ommu u nannietu;uliedu jeŭ ulied uliedu; ħutu subien u bniet; missier jeŭ omm il mara tiegħu; missier jeŭ omm ir-ragel tagħha, iz-zijiet, in-neputijiet u il cunjati ta' min jcun għamel delitt jeŭ icun complici fih.
6. Daŭc li jiftħu schejjel għal pubblicu mingħajr permess;
7. Daŭc li, mingħajr permess, jagħmlu lotteriji ta'cull xorta;
8. Daŭc li jatu isem bieħor jeŭ ma jatux isimhom, meta mitlubin minn cull aŭtorità jeŭ l' il cull ŭieħed li jcun incaricat minn servizz pubblicu, u li jcollu id-dritt li jitolbu;
9. Daŭc li jieħdu parti f'il logħob ta' l ażżard u ta'l flus, jeŭ jisilfu il loc jeŭ igħinu l' il min jilgħab.
10. Daŭc li jixxiercu ma'l lagħaba f'-cull logħob li ma tridx l-Ligi li jieħdu parti fih;
11. Daŭc li bla ma għandom gid jeŭ xi mezzi oħra biex igħixu, ma jfittxu katt xi xogħol jeŭ impieg biex igħixu;
12. Daŭc li jitolbu carità bla ma jcollhom bżonn;

Billi contravvenzionijiet hemm fuk il ħamsin ŭaħda, biex ma nieħux ŭisa ŭisk, incomplihom loc fi drabi oħra.

**Ta chemm il sena jiżżeŭġu f-pajjisi oħra?** (M. M. Floriana).

Fl-Aŭstrija tant ir-ragel chemm ucoll il mara, ma jistgħux

